**14 ta' Diċembru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Baldacchino

*versus*

Joseph Attard

**Spejjeż Ġudizzjarji — Appell.**

*Ir-regola illi l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ripartiti fost il-kontendenti "pro rata" tar-rispettiv rebħ u telf mhux dejjem hemm lokha; għax jista' jagħti l-każ li l-Qorti għandha tkun gwidata minn kriterji oħra li jistgħu jinfluwixxu fuq il-kap tal-ispejjeż; kif ġara f'dan il-każ.*

*Għalkemm il-meritu ma jkunx ġie appellat, u l-appell ikun ristrett għall-kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell għandha tqies dak il-meritu għall-finijiet tal-appell li għandha quddiemha; imma għandha tqiesu kif inhu deċiż mill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'

Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess li in segwitu għar-retratt eżerċitat mill-attriċi kontra l-konvenut, għar-rivendizzjoni tal-fond nru. 25 Anġlu Mallia Street Birkirkara, il-konvenut, b'ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru 1959, informa lill-attriċi illi huwa kien pront jagħmel ir-rivendizzjoni, u nterpellaha sabiex fiż-żmien legali tħallas l-ispejjeż leġittimi, utili u neċessarji, li huwa għamel in okkażjoni tal-akkwist tiegħu u spejjeż oħra li għamel fil-fond, u li jirriżultaw mill-prospetti annessi mal-istess ittra uffiċjali; u premess li skond dawn il-prospetti (dok. A) hawn eżibiti l-ammont pretis mill-konvenut huwa ta' £319. 18. 9d, liema somma ġiet regolarment depożitata għall-finijiet tar-rivendizzjoni b'riżerva għal kull dritt spettanti lill-attriċi, u in segwitu żbankata mill-konvenut wara li għamel ir-rivendizzjoni favur l-attriċi; u premess li l-ammont fuq imsemmi ta' £319. 18. 9d ma huwiex kollu dovut lill-konvenut, għaliex ma jirrappreżentax spejjeż leġittimi, utili u neċessarji; talbet li għalhekk jiġi likwidat, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi, l-ammont ta' spejjeż utili u neċessarji li l-konvenut għandu dritt jieħu, u li huwa għamel qabel l-eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza, u konsegwentement mis-somma fuq imsemmija ta' £319. 18. 9d, depożitata mill-attriċi il-konvenut jiġi kundannat iħallas lura lill-attriċi dik is-somma li minn din il-likwidazzjoni tirriżulta minnu riċevuta in eċċess għal dak li kellu jieħu. Bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Ġunju 1962, li biha laqgħet it-talba billi llikwidat l-ammont li għalieh huwa ntitolat il-konvenut, bħala spejjeż għal xogħolijiet magħmula minnu fil-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, fis-somma ta' £192.6.5d, u kkundannatu jirrifondi lill-attriċi l-eċċess minnu riċevut ta' £127.12.4d. L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiv telf u rebħ. Dik il-Qorti kkunsidrat;

B'rapport tad-29 ta' Jannar 1962 il-perit irrelata illi x-xogħolijiet li għamel il-konvenut bħala spejjeż neċessarji

fil-fond kienu dawk elenkati bl-ittra "A" fol. 63, u ammontanti għal . . . . . L-ammont totali ta' £212.6.5d;

L-attriċi oġġezzjonat għas-somma ta' £20 ndikata fil-partita (a), in kwantu, għalkemm dan l-ammont jidher fir-riċevuta dok. "X" li tħallas għall-istallazzjoni tal-elettriku, fil-fatt dan kien tħallas mis-sid Paolo Micallef lill-inkwilin preċedenti Michele Borg Olivier biex dan ma jagħtix iċ-ċwievet lill-Housing. u illi, kieku dik l-irċevuta kienet veru għall-elettriku, l-ammont xorta mhux dovut, għax l-istallazzjoni elettrika kienet diġà tħallset;

L-attriċi għandha raġun. Infatti . . . . Għalhekk il-Qorti tapprova u tagħmel tagħha r-relazzjoni peritali, ħlief għas-somma ta' £20 ndikata taħt l-ittra (a) tar-relazzjoni;

Hekk il-konvenut, li żbanka £319. 18. 9d depożitati mill-attriċi, għandu dritt għal £212. 6. 5d nieqes l-£20, ċjoè £192. 6. 5d, u hekk huwa għandu jirrifondi lill-attriċi d-differenza, ċjoè £127. 12. 4d;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu ristrett għall-kap tal-ispejjeż. Dawn ġew deċiżi mill-Ewwel Onorabbli Qorti in proporzjon tar-rebħ u t-telf. L-appellanti qegħdha issa tilmenta li din ir-ripartizzjoni ma hemmx lokha, u li l-ispejjeż għandhom jiġu nterament karigati fuq il-konvenut. Ma hemmx bżonn jingħad li, ġaladarba l-meritu ma ġiex appellat, din il-Qorti, għalkemm għandha tqiesu għall-finijiet tal-kwistjoni dwar l-ispejjeż li biha tinsab investita, però għandha tqiesu kif inhu deċiż;

Ċert hu li r-ripartizzjoni tal-ispejjeż "pro rata" tar-rebħ u t-telf ma hix f'lokha f'każ simili. L-attriċi ma setgħetx ħlief t'ddepożita l-ammont intier pretiż mill-konvenut retrattarju sabiex issir favur tagħha r-rivendizzjoni bir-reżervi opportuni. Fiċ-ċedola tad-depożitu hija ma semmiet ebda somma speċifika bħala dik li hi tippretendi li

għandha tkun imħallsa lill-konvenut minflok is-somma minnu pretiża u speċifikata, iżda qalet biss li l-ammont hekk reklamat ma kienx kollu dovut — kliem li issa rrepetiet fiċ-ċitazzjoni bla ma semmiet, lanqas fiċ-ċitazzjoni, ebda somma bħala dik li kellha tkun imħallsa lill-konvenut. Għalhekk jonqos għal kollox it-termini tal-paragun sabiex jista' jingħad li l-attriċi tilfet tant jew rebħet tant; jista' jingħad biss li l-konvenut ippretenda tant, u minflok ġie likwidat bħala dovut lilu ammont anqas; ma jistgħax lanqas jingħad li rebaħ dan l-ammont hekk favur tiegħu likwidat, għaliex l-attriċi ma qaletx li ma hu dovut xejn lilu, imma li ma kienx dovut l-ammont kollu minnu pretiż. F'daqshekk kellha raġun, imma ma jistgħax jingħad f'ċifri jew aritmetikament kemm kellha raġun, għax hija ma qaletx b'kemm kellu jitnaqqas dak l-ammont. Per konsegwenza, mhix fattibbli, kwantu għall-kap tal-ispejjeż, l-allokazzjoni reteali bejn rebħ u telf;

Ikkunsidrat;

Għalhekk il-Qorti, f'każijiet simili, għandha tkun gwidata bi kriterji oħra li jistgħu jinfluwixxu fuq il-kap tal-ispejjeż — kriterji li jiddependu miċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ. Fil-każ preżenti, din il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet:—

1. Il-konvenut ippretenda £319 u rebaħ £192 (salvi r-rotti); qiesu ħa żewġ terzi ta' dak li ried;

2. Jekk wieħed jeżamina l-prospetti speċifikanti dak li ppretenda l-konvenut (li jinsabu in kopja fol. 5 et seq.), u jeżamina mhux ix-xorta tal-partiti reklamati, imma anki l-ispiża relattiva pretiża mill-konvenut, u jirraffronta dawn il-partiti, fix-xorta u fl-ammont, mad-dettalji fir-rapport tal-perit ġudizzjarju, fol. 57 et seq., ma jasalx biex jista' jgħid li kien hemm addirittura abbus mill-parti tal-konvenut għaliex fil-parti preponderanti d-differenza hija aktarx dovuta għal kriterju talvolta varjabbli li jista' jiddifferenzja spiża utili minn spiża ta' lussu jew voluttwarja, u l-linja ta' demarkazzjoni tista' tkun dibattibbli, u hija aktarx dovuta wkoll għall-varjabbilità tal-istima tax-xogħol f'ċerti każijiet. M'hemmx, però, xi abbus flagranti. Forsi

dan l-abbus kien hemm limitatament għall-inklużjoni tas-somma ta' £20 fil-prospetti tal-konvenut bħala dovuta għall-elettriku mentri kienet dovuta għal raġuni oħra, li għaliha ġiet eskluża mill-Ewwel Onorabbli Qorti; imma ma jidherx li rrikorra xi abbus, jew li l-konvenut eżaġera vessatorjament għar-rigward ta' xi part ta oħra, jew li kkrea krediti ineżistenti;

3. Iżda, fl-istess ħin l-attriċi kienet bla dubju ġustifikata li tikkontesta l-ammont pretiż, u li titlob il-likwidazzjoni li biha ġie prattikament imnaqqas terz mis-somma pretiża;

4. Però, il-likwidazzjoni kienet f'ċertu sens dejjem meħtieġa biex tiġi regolata din il-pendenza tal-ispejjeż bejn il-partijiet; għax il-veru ammont dovut ma kienx ħaġa konstatabbli kważi "ictu oculi". trattandosi, kif ingħad, pjuttost ta' kriterji varjabbli;

5. Hu veru li l-attriċi, bħala retraenti, ma setgħetx ħlief tiddepożita l-ammont intier b'riżerva u li kien ikun talvolta riskjus għaliha li f'dak l-istadju, meta kienet għadha pendenti r-rivendizzjoni, tgħid xi ħaġa li setgħet tiġi nterpretata bħala f'xi mod restrinġenti d-dritt tar-retrattarju li jkollu depożitu liberu u integru; iżda fi stadju ulterjuri, meta r-rivendizzjoni saret, u meta din iċ-ċitazzjoni kienet għadha ma ġietx spikkata, l-attriċi setgħet talvolta tinforma lill-konvenut, li fl-ittra uffiċjali tiegħu kien ta dettalji u eżibixxa prospetti tas-somma minnu pretiża, dwar liema partiti kienu għaliha oġġezzjonabbli, u presso a poco f'liema miżura, u b'hekk kien ikun hemm il-possibbilità li forsi jiġu evitati proċeduri kieku l-konvenut kien jakkweta ruħu għall-kritika tagħha. Hi, però, żammet u baqgħet iżżomm dejjem, l-atteġġjament distakkat li tgħid biss li l-ammont ma kienx kollu dovut, ġenerikament. B'dan il-mod hi impliċitament irrimettiet ruħha għal-likwidazzjoni ordinanda mill-Qorti, u kwindi dik il-likwidazzjoni bbenefikat anki lilha, salv li jiġi riflettut ukoll li l-kontestazzjoni tagħha, sija pure ġenerika, ġiet sostnuta, meta mill-ammont pretis ġie dedott qiesu terz;

Meta jiġu meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-

Qorti taħseb li l-allokazzjoni ġusta hija dik "infra";

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell, kif limitat "quoad impensas", fis-sens li tneħħi r-regolament "pro rata" tar-rebħ u t-telf ordnat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u tordna inveċe li l-ispejjeż, in bażi għall-kriterji diskrezzjonali fuq aċċennati, għandhom jiġu ripartiti kwantu għal tliet ottavi (3/8) l-attriċi, u kwantu għal ħames ottavi (5/8) a karigu tal-konvenut; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata kwantu għall-kap tal-ispejjeż. L-ispejjeż tal-appell jiġu wkoll sopportati fl-istess propozjoni fuq indikata.

**Tmiem tal-Ewwel Sezzjoni**
**tal-Ewwel Parti**
**tal-Volum XLVI**